# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn, 18 ta' Marzu, 2024.**

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 47/2021 ISB**

**Lovin Malta Limited (C75368) u Christian Peregin (ID 526487M**

**Vs**

**L-Avukat tal-Istat ) u b'digriet tat-22 ta' Ġunju 2021 One Productions Ltd (C 12946) kif ukoll Media.Link Communications Company Ltd. (C 6170) ġew awtorizzati jintervjenu fil-kawża *in statu et terminis***

**DAN HUWA DIGRIET GĦAR-RIKORS TAS-SOĊJETÀ INTERVENUTA FIL-KAWŻA ONE PRODUCTIONS LIMITED (C-12946) TAL-14 TA' LULJU 2023 (FOL 794).**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-soċjetà intervenuta fil-kawża One Productions Limited tal-14 ta' Lulju 2023, li permezz tiegħu hija qegħda titlob, għar-raġunijiet imfissra fl-istess rikors, sabiex:

(a) jiġi ddikjarat minn din il-Qorti illi b'dawn l-istess proċeduri ser jew aktarx ser jiġu vvjolati d-drittijiet fundamentali tagħha *ai termini* tal-Artikoli 37, 41, 42 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 10, 11, 13, 14 u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea,

(b) tagħti dawk ir-rimedji kollha li jkun jidhrilha xierqa u opportuni sabiex tiġi mwaqqfa u miżmuma l-lezjoni tad-drittijiet fondamentali tal-esponenti inkluż likwidazzjoni ta' danni pekunjarji u kull rimedju ieħor; u

(c) tagħti dawk l-ordnijiet, rimedji u/jew provvedimenti kollha meħtieġa sabiex tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fondamentali fuq imsemmija lill-esponenti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat tal-Istat tat-30 ta' Awwissu 2023 (fol 797);

Rat ir-Risposta ta' Lovin Malta Limited tat-30 ta' Awwissu 2023 (fol 798);

Rat il-verbal tas-seduta miżmuma fil-11 ta' Ottubru 2023 u semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Avukati difensuri.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum sabiex jingħata digriet għall-imsemmi rikors.

**Ikkunsidrat**:

Illi fir-rikors tagħha, is-soċjetà One Productions Limited (ONE) tgħid illi l-mertu tal-kawża odjerna huwa jekk din il-Qorti għandiex tiddikjara l-proviso tal-Artikolu 13(1) tal-Att dwar ix-Xandir invalidu għaliex imur kontra l-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Hija tgħid illi hija liċenzjata biex tmexxi l-istazzjonijiet tat-televiżjoni u tar-radju ONE u hija kumpanija kummerċjali bil-Partit Laburista jkun l-azzjonist ewlieni u waħdani tagħha. Tgħid illi l-għan tagħha huwa illi jkollha vuċi fl-oqsma kollha tal-media u xandir f'Malta.

Issostni illi permezz tal-istazzjonijiet tagħha hija twassal varjetà ta' programmi u xxandar ukoll programmi ta' aħbarijiet u ġrajjiet kurrenti, u l-linja editorjali hija dik illi tagħti stampa kemm jista' jkun oġġettiva tal-fatti filwaqt illi tassigura illi jitwasslu l-fehmiet u l-idejat tal-Partit Laburista.

ONE ssostni illi storikament il-Partit Laburista dejjem kien żvantaġġjat u diskriminat minn media hekk msejħa indipendenti, u l-uniku mod kif il-Partit Laburista jassigura illi jwassal il-messaġġ tiegħu politiku huwa billi jkollu l-media tiegħu.

Tgħid illi dak li qed titlob is-soċjetà rikorrenti ser jaffettwa serjament l-operat u saħansitra l-eżistenza tal-istazzjonijiet tagħha, kif ukoll it-tgawdija tal-libertà tal-

espressjoni tagħha kif protetta mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea. Dan qed jingħad peress illi r-rikorrenti, b'din il-kawża, qed jittentaw iżommu lis-soċjetà ONE u lill-partiti politiċi oħra f'Malta, milli jwasslu l-fehmiet, l-idejat, it-tagħrif u l-messaġġi politiċi tagħhom. Issostni illi dan imur biex jilledi d-drittijiet fondamentali tagħha kif protetti bl-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 10 tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea.

ONE ssostni illi t-talbiet tar-rikorrenti fir-rikors promotur imorru anke biex jiddiskriminaw magħha ai termini tal-Artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni meħud flimkien mal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u l-Artikolu 10 tal-istess Konvenzjoni.

Hija tgħid illi l-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni, li fuqu qed tistrieħ is-soċjetà rikorrenti Lovin Malta Limited bir-rikors promotur tagħha, inkiteb fi żmien meta x-xandir lokali kien kontrollat u ristrett ħafna. Tgħid illi llum, bl-iżviluppi fit-teknologija, żdiedet l-aċċessibilità għal kull min irid ixandar u jwassal messaġġ politiku. Issostni illi anke r-rikorrenti jxandru aħbarijiet u jwasslu l-messaġġ politiku tagħhom, iżda ma għandhomx ir-restrizzjonijiet li għandu fuqu ħaddieħor. Għalhekk, issostni ONE, illi huwa importanti illi hija tibqa' xxandar.

Fis-sottomissjonijiet tagħha, ONE tissottometti illi dan ir-rikors qed isir *ai termini* tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni. Dak li qegħdin jitolbu huwa sabiex il-Qorti tagħti deċiżjoni waħda kemm fuq l-ilmenti tar-rikorrenti promoturi u kemm fuq l-ilmenti tagħhom qua intervenuti fil-kawża. Issostni illi peress illi ma setgħetx tagħmel dawn it-talbiet fir-risposta tagħha bħala intervenut fil-kawża - allura kellha tressaq dan l-istess rikors.

ONE qed titlob lill-Qorti biex formalment tadotta t-talbiet tagħha bħala parti mill-investigazzjoni li ser tagħmel, fis-sens illi l-Qorti tara jekk it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti jistgħux iwasslu biex hija, ONE, ma tkunx aktar f'pożizzjoni li xxandar l-fehmiet tagħha jekk ma jixxandarx ukoll ta' ħaddieħor, bil-konsegwenza illi jkunu qed jinkisru d-drittijiet fondamentali taghħa. ONE tgħid illi din il-Qorti trid tara jekk id-dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni tistax tapplika b'mod li ma tiksirx id-drittijiet fondamentali tagħha wkoll.

Dwar l-ammissibilità o meno tar-rikors, ONE ssostni illi "*dawk it-talbiet ma nistghax naghmilhom f'risposta bhala intervenut fil-kawza. Issa jiena naraha kontro-sens li kieku din il-kawza ma kinitx tikkunsidra li qed tikkunsidra, nista' nqajjem jew qeghda f'Qorti li ma hix Prim Awla, nista' nqajjem kwistjoni kostituzzjonali li nitlob decizjoni fuqha u l-Qorti tibghata u hija nnifisha ghax qieghed quddiemha ma nistghax naghmilha. Jiena nahseb illi l-ligi mhix qeghda daqstant esplicita ghaliex huwa ovvju li jekk din il-Qorti jiena qed naghmel talbiet u nqajjem punti ta' natura kostituzzjonali jew fundamentali bhalma qed naghmel hawn ghanda tikkunsidrhom jekk tqis li ma humiex frivoli, mhux li ma taqbilx maghhom, jiena nghid illi ghandha tabbraccja t-talbiet u nikkunsidrawhom. Fl-ahhar mbaghad tiddeciedi skond x'tghid il-ligi.*"

ONE ssostni illi referenza ssir għaliex il-Qorti ma tkunx Prim'Awla, imma meta l-Qorti ġja tkun Prim'Awla, allura qegħda fil-ġurisdizzjoni illi tikkunsidra u tiddeċiedi

kwistjonijiet Kostituzzjonali illi jiġu sollevati. ONE sostniet illi meta tingħata deċiżjoni finali fuq dawn il-proċeduri, il-Qorti bħalma tagħmel meta jkollha kawża prinċipali u kawża konvenzjonali, tagħti sentenza ta' kollox.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi s-soċjetà rikorrenti Lovin Malta Limited (LML) irrispondew billi sostnew illi mhux minnu illi huma qed jitolbu lill-Qorti sabiex ONE tinżamm milli twassal il-fehmiet u l-opinjonijiet tagħha, iżda qegħda biss titlob dikjarazzjoni tal-Qorti fis-sens illi l-proviso tal-Artiklu 13 tal-Att dwar ix-Xandir jiġi dikjarat invalidu peress illi jmur kontra l-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni.

LML tgħid illi dak li qed tagħmel ONE huwa illi tressaq kawża kostituzzjonali fi ħdan l-azzjoni popolaris odjerna, u għalhekk issostni illi t-talbiet tal-ONE huma improponibbli. Issostni illi din il-Qorti, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, ser twieżen dak illi rrispondiet il-ONE meta interveniet. LML issostni illi l-proċeduri minnhom istitwiti ma jistgħu qatt jilledu d-drittijiet fondamentali ta' ONE għaliex huma bbażati fuq l-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni li jagħti dritt lil kull persuna tittenta timpunja liġi.

LML issostni illi l-fatt illi ONE qalet illi "*dak li jippretendu r-rikorrenti bit-talbiet taghhom*" ser iwassal għal dan aktar milli l-proċeduri nfushom li ser jiksru d-drittijiet tagħha, imur biex juri illi l-Qorti ser tasal biex tiddeċiedi dwar it-talbiet tagħha filwaqt illi żżomm f'moħħha li ONE qed tallega vjolazzjoni tad-drittijiet tagħha jekk ikun hemm deċiżjoni favur it-talbiet rikorrenti. Issostni illi ONE tista' tressaq il-provi kollha tagħha in sostenn tat-teżi tagħha u sussegwentement tressaq anke s-sottomissjonijiet tagħha, tant illi LML irriżervat illi tirrispondi fil-mertu għal dak mressaq minn ONE għas-sottomissjonijiet finali tagħha.

Dwar il-proċedura addottata, LML, fis-sottomissjonijiet maħhmula ssostni illi ONE ma setgħetx tressaq rikors bħal dan, u l-lanjanzi li jista' għandha ONE, il-Qorti ser tarahom mad-deċiżjoni finali, b'mod illi "*…l-Qorti ser tikkonsidra jekk it-talbiet taghna humiex ser jiksru d-drittijiet, as in jekk jigu akkordati, jiksrux id-drittijiet tal-ONE jew le. Pero` jekk fil-kunsiderazzjonijiet tara li jiksru, li biex jigu akkordati jiksru d-drittijiet, tichadhom u full stop. Umbaghad jekk irid lanqas ikollu lment*".

Dwar l-ammissibilità o meno tar-rikors kif magħmul, u in risposta għal dak li qalet ONE, LML issostni illi meta ssir referenza kostituzzjonali tkun il-Qorti stess illi tifformola l-mistoqsija, intiża biss biex jiġi stabbilit hemmx ksur tad-drittijiet jew le, u mbagħad il-Qorti riferenti tagħti d-deċiżjoni tagħha abbażi ta' dak li jkun ġie deċiż mill-Prim'Awla li ma tagħtix rimedju. LML ssostni illi hawnhekk ix-xenarju huwa kompletament differenti.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi Media Link Communications Limited (MCL) ma ressqux risposta iżda ressqet sottomissjonijiet verbali u sostniet illi l-premessi li hemm f'dan ir-rikors huma simili

ħafna għal dawk li saru fir-risposta ta' ONE stess, u allura l-Qorti ser ikollha tieħu konjizzjoni tagħhom meta tiddeċiedi l-vertenza odjerna.

L-Avukat tal-Istat (AS) fir-risposta tiegħu jsostni illi bir-rikors tagħha ONE qed issostni illi bil-kawża odjerna, id-drittijiet fondamentali tagħha aktarx jiġu leżi. Filwaqt illi jesprimi dubju dwar l-ammissibilità tar-rikors ta' ONE, huwa igħid illi jifhem u japprezza illi ONE jistgħu jilmentaw minn ksur tad-drittijiet tagħhom qua proprjetarji ta' stazzjonijiet televiżivi u tar-radju bil-kawża mpostata minn LML.

Fit-trattazzjoni tiegħu, l-AS jissottometti li l-Qorti għandha teżamina l-eċċezzjonijiet u r-risposti li ġew ippreżentati anke mill-intervenuti fil-kawża u għalhekk il-Qorti ma tistax ma tikkonsiderax il-lanjanzi kostituzzjonali li ġew ssollevati hemmhekk. Isostni illi huwa inerenti fin-natura ta' din il-kawża li l-Qorti għandha tikkonsidra kollox.

L-AS isostni illi huwa immaterjali meta l-Qorti tiddeċiedi dwar il-lanjanzi li ONE qed iressqu – u jsostni illi l-Qorti bilfors trid teżamina li anke jekk tintlaqa' t-talba ta' LML, trid tara jekk jiġux leżi d-drittijiet ta' ONE.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi magħmul ċar x'inhi l-pożizzjoni tal-partijiet kollha, il-Qorti sejra teżamina u tiddeċiedi qabel xejn dwar l-ammissibilità o meno tar-rikors ippreżentat minn One Productions Limited fl-14 ta' Lulju 2023.

Is-soċjetà rikorrenti ssostni illi hija intitolata tressaq rikors bħal dan għaliex jippermettiha tagħmel hekk l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Fit-trattazzjoni tiegħu, l-abbli difensur ta' ONE ighid "*…… l-artikolu 46 jaghti l-jedd lil kull min hu involut f'kawza li jekk tinqala' kwistjoni jew ihoss li ghandu jqajjem kwistjoni ta' natura kostituzzjonali issa fis-sens ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem ………….. jqajjima quddiem kull Qorti illi ma tkunx kostituzzjonali jew il-prim Awla li jitlob lil Qorti jibghata band'ohra…..*".

Isostni illi llum diġà qegħdin quddiem il-Prim'Awla u allura "*la darba l-kwistjoni qed inqajjimha quddiem il-Prim Awla, din il-Qorti jekk ma tqisx li dak li qed nghid huwa merament frivolu u intiz biex itawwal il-proceduri kif allegaw ir-rikorrenti u tqis minflok li taqbel jew ma taqbilx f'dan l-istadju l-kwistjoni ghandha meritu li jigi ridibattut allura ghandha fil-koezjoni taghha mhux biex tannulla ligi jew disposizzjoni tal-kostituzzjoni imma biex tara jekk il-kwistjonijiet mqajjma minn dan l-intervenut fil-kawza ghandhom mis-sewwa jew ghandhomx validita' fil-konsiderazzjonijet taghha.*"

Huwa għalhekk illi ONE ssostni illi kellha dritt tressaq dan ir-rikors u li sakemm il-Qorti ma tiddikjarax it-talbiet magħmula bħala frivoli u vessatorji, allura għandha tiddeċidih mas-sentenza.

Min-naħa tagħhom, il-partijiet l-oħra kollha jidhru illi qed joggezzjonaw għal dan u jsostnu illi proċedura bħal din ma setgħetx issir. Filwaqt illi jsostnu illi l-Artikolu 46 jirreferi għal riferenzi minn Qorti li mhix il-Prim'Awla u/jew dik Kostituzzjonali, f'dan il-każ il-kawża ġja qegħda quddiem il-Qorti Prim'Awla u per konsegwenza jsostnu illi dak illi ONE qed tilmenta minnu, ukoll peress illi diġà ġie espress fir-risposta tagħha, allura din il-Qorti sejra żgur tieħu konjizzjoni tiegħu meta tiġi biex tagħti d-deċiżjoni finali tagħha.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Il-Qorti sejra qabel xejn tirreferi għall-**Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, li jgħid espressament hekk:

> *Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni.*

Fuq l-istess binarju jitkellem l-**Artikolu 4(3) tal-KAP 319** tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

Minn qari ta' dan l-Artikolu, wieħed mal-ewwel jirrealizza li din it-tip ta' proċedura tista' tintuża biss meta lmenti dwar drittijiet fondamentali jitqajmu quddiem qorti oħra li mhix il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali. **Mhux il-każ hawnhekk.**

Fil-fatt, is-soċjetà rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex din il-Qorti tara jekk it-talbiet humiex frivoli. L-abbli difensur ta' ONE fis-sottomissjinijiet tiegħu jgħid hekk:

> *“.............. Allura la darba l-kwisjotni qed nqajjima quddiem il-prim Awla din il-Qorti jekk ma tqisx illi dak li qe dnghid huwa merament frivolu u .............. imma biex tara jekk il-kwistjonijiet mqajjma minn dan l-intervenut fil-kawza gahndhomx mis-sewwa jew ghandhomx validita' fil-konsiderazzjonijiet taghha”.*

Il-Qorti tqis illi dan l-eżerċizzju dwar jekk kwistjonijiet imqajma humiex frivoli u vessatorji, il-Kostituzzjoni ttih lil dik il-Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali, u kwindi ma tistax is-soċjetà rikorrenti ONE titlob lil din il-Qorti tagħmel tali eżerċizzju. B'hekk il-Qorti tħoss dejjem aktar fermament illi r-rikors ta' ONE hawnekk in eżami ma jistax isib sostenn għal finijiet ta' ammissibilità fl-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni jew l-Artikolu 4(3) tal-KAP 319.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mhux biss, kif hawn fuq ikkunsidrat, il-proċeduri stabbiliti bl-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 4(3) tal-KAP 319 ma japplikawx għal dak hawnhekk diskuss, imma l-Qorti ssib illi lanqas l-Ewwel Taqsima tal-Liġi Sussidjarja 12.09 ma tipprovdi mezz kif intervenut fi proċeduri kostituzzjonali jista' jressaq rikors b'lanjanzi kostituzzjonali fl-atti ta' proċeduri diġà pendenti bil-għan illi l-istess Qorti tisma' kawża f'kawża u tagħti sentenza waħda għaż-żewġ kawżi. Il-Qorti tqis illi r-regolamenti proċedurali ta' din il-Qorti ma jippermettuhx dan.

Il-Qorti tqis illi r-regolament 2 tar-Regolamenti msemmija jitkellmu dwar kif persuna tressaq l-ilment tagħha *ai termini* tal-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(1) tal-KAP 319:

> *Il-procedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili li jsiru skond l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u skond l-artikolu 4(1) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u l-procedimenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 95(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ghandhom jinbdew permezz ta' rikors.*

Dan il-provvediment qiegħed indubbjament jirreferi għar-rikors promotur, liema rikors promotur f'dawn il-proċeduri huwa dak li jġib in-numru 47/2021 intavolat fl-1 ta' Frar 2021. Il-liġi u r-regolamenti ma jippermettux rikors mod ieħor biex proċedimenti bħal dawn jinbdew jew jinstemgħu u jiġu deċiżi mod ieħor.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi l-**Artikolu 218 tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, igħid illi :

> *Fis-sentenza għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha, u għandu jkun hemm fiha wkoll riferenza għall-proċedimenti, għat-talbiet tal-attur <u>u għall-eċċezzjonijiet</u> tal-konvenut.*

Illi kif dikjarat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **Angelo Spiteri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija**, deċiża fis-16 ta' April 1999:

> *Hu principju bazilari tad-dritt li Qorti tkun investita bil-gurisdizzjoni li tiehu konjizzjoni tal-meritu tal-vertenza quddiemha bejn il-partijiet kellha <u>tiehu konjizzjoni tal-meritu kollu fl-aspetti kollha tieghu u tiddecidih</u>. Ma kellhiex allura tabdika minn dan id-dmir taghha illi tittratta u tiddeciedi dan il-meritu kollu jew xi aspett minnu lanqas biex dan jigi hekk ittrattat mill-istess Qorti diversament ippresjeduta. Dan naturalment sakemm ma jkunx hemm ragunijiet fil-ligi li jimponu fuqha li hekk taghmel.*

Fil-fatt, il-Qrati tagħna dejjem sostnew illi :

> *Il-gudikant fil-kamp civili ghandu obbligu li joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni ta' bejn il-partijiet fid-dawl tat-talbiet u tal-eccezzjonijiet imressqa.*[1]

Dawn il-konsiderazzjonijiet qed isiru fl-isfond tar-risposta mressqa minn ONE fil-21 ta' Ottubru 2021. Wara illi b'digriet ta' din il-Qorti tat-22 ta' Ġunju 2021 is-soċjetà One Productions Limited ġiet awtorizzata tintervjeni *in statu et terminis*, u "*in kwantu illi r-rikors ta' One Productions Limited tressaq proprju fl-istadju bikri tal-proceduri, addirittura qabel l-ewwel udjenza mizmuma, allura jkun xieraq u giust illi, minghajr pregudizzju ghal dak kollu hawn fuq sottomess, hija mhux biss tinghata l-permess tintervjeni in statu et terminis, imma tinghata l-opportunita' illi tippresenta risposta, eventwalment tressaq il-provi taghha u taghmel is-sottomissjonijiet taghha"* – hija rrispondiet anke billi ressqet l-istess lanjanzi tagħha msejjsa fuq l-istess provvedimenti tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea kif qed tagħmel issa bir-rikors tagħha odjern.

Dan m'għamlitux b'mod kapriċċuż, imma għamlitu, wieħed għandu jifhem, għaliex ONE xtaqet illi l-Qorti tieħu konjizzjoni u konsiderazzjoni tal-lanjanzi tagħha meta din il-Qorti tiġi ghad-deċiżjoni finali.

Illi l-Qorti tabbraċċja dak li qal l-Avukat tal-Istat, fis-sens illi "*il-Qorti bilfors trid teżamina li anke jekk tintlaqa' u anke jekk fl-eventwalità tintlaqa' t-talba, jekk tilledix id-drittijiet fondamentali tal-ONE jew tan-NET .......... Jew ħa tiċħad it-talba jew fl-eventwalità illi ħa tilqaha ħa tikkunsidra kif u come jekk hu l-każ qed jiġu leżi jew le*".

U l-Qorti żżid tgħid illi una volta, kif fuq sottomess, fir-risposta tagħha, ONE diġà ressqet dawn l-ilmenti, allura tali lmenti għandhom jiġu indirizzati u deċiżi fis-sentenza finali, fuq kollox biss u jekk it-talbiet fir-rikors promotur kellu jkollhom eżitu pożittiv. U f'dan is-sens, mit-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, il-Qorti tifhem illi hemm kunsens u qbil.

Fil-fatt, l-abbli difensur ta' ONE igħid fit-trattazzjoni tiegħu, "*....... jien qed ninvita lil Qorti illi **<u>jekk tigi biex</u>** tinterpreta l-Broadcasting Act differenti milli jigi interpretat meta saret il-ligi nazzjonali allura hemm ser twassal ghall-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-ONE kemm proprjetarji kemm liberta` tal-espressjoni etc*". Il-Qorti tqis illi dan l-invit ġja sar bir-risposta magħmula minn ONE fil-21 ta' Ottubru 2021.

Il-Qorti għalhekk tqis illi, għall-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, kif obbligata tagħmel bil-liġi u bil-ġurisprudenza tagħna, hija ser tidħol biex teżamina l-lanjanzi mressqa minn One Productions Limited fir-risposta tagħha, liema intervenut fil-kawża sejra anke jkollha l-opportunità illi tressaq il-provi tagħha fir-rigward.

---

[1] Qorti tal-Appell, 15.12.2015 Rikors Numru 910/07MCH fl-ismijiet **Angelo Borg et vs Noel Xuereb**

**GĦALDAQSTANT**, għar-raġunijiet u l-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq magħmula, il-Qorti qed tgħaddi biex tiċħad ir-rikors tas-soċjetà One Productions Limited tal-14 ta' Lulju 2023 (fol 794), b'dan però illi s-soċjetà One Productions Limited għandha jkollha s-serħan tal-moħħ illi l-lanjanzi tagħha fir-rigward tal-allegat preġudizzju u ksur tad-drittijiet fondamentali tagħha f'każ u fl-eventwalità illi t-talbiet fir-rikors promotur jintlaqgħu, ser ikunu indirizzati fis-sentenza finali.

Bl-ispejjeż marbuta ma' din l-istanza jibqgħu riżervati għal ġudizzju finali.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**